

Il-Ġurnal Uffiċjali C 302 A

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

18 ta' Ottubru 2013

Avviż Nru

Werrej

Paġna

V Avviżi

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2013/C 302 A/01

Servizz Legali (SJ) — Pubblikazzjoni għal post battal għal Deputat Direttur Ġenerali (Grad AD 15) fi Brussell (Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal) — COM/2013/10341 1

Prezz: EUR 3

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Servizz Legali (SJ)

Pubblikazzjoni għal post battal għal Deputat Direttur Ġenerali (Grad AD 15) fi Brussell

(Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)

COM/2013/10341

(2013/C 302 A/01)

Preżentazzjoni

Il-missjoni tas-Servizz Legali hija li jassisti lill-Kummissjoni Ewropea u s-servizzi kollha tagħha. Il-karigi ewlenin huma dawn li ġejjin:

- għajna u parir dwar abbozzar tal-leġiżlazzjoni,
- għajna u parir dwar aspetti legali tan-negozjati internazzjonali,
- għajna u parir lill-Kummissjoni dwar ir-rwol tagħha ta' Gwardjan tat-Trattati,
- għajna u parir lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lilha mill-leġiżlatur tal-Komunità jew mit-Trattati.

Is-Servizz Legali jirrappreżenta lill-Kummissjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (Qorti EFTA), kif ukoll quddiem gruppi speċjali tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) u l-Organizzazzjoni dinjija tal-Kummerċ (WTO) u l-ġurisdizzjonijiet l-oħra kollha. Huwa wkoll preżenti fil-kwistjonijiet ta' deċiżjonijiet preliminari. Is-Servizz legali huwa magħmul minn ġuristi li joriġinaw mill-Istati Membri kollha.

Is-Servizz Legali jaqa' direttament taħt il-President tal-Kummissjoni.

Il-kariga li qed tiġi proposta

Taħt l-awtorità tad-Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali, id-Deputat Direttur Ġenerali huwa inkarigat bit-tmexxija u l-koordinazzjoni ta' riflessjoni approfondita fuq il-kwistjonijiet istituzzjonali, inkluż fuq emendi eventwali li għandhom isiru fuq it-trattati. Fl-istess ħin, huwa jipparteċipa fid-dmirijiet tradizzjonali tas-Servizz Legali, konsultattivi u kontenzjużi, kif ukoll fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan is-servizz u t-tnejja tal-ħidmiet tal-Kulleġġ.

Huwa jkollu r-responsabilità li jorganizza din il-ħidma ta' riflessjoni u proposti fi ħdan is-Servizz Legali. Ikollu wkoll ir-responsabilità li jiżgura l-koordinazzjoni mas-servizzi l-oħra tal-Kummissjoni u b'mod partikolari ma' dawk tas-Segretarjat Ġenerali. Għandu jiżgura wkoll skambju permanenti ta' informazzjoni mal-istituzzjonijiet l-oħra u l-Istati Membri. Id-Deputat Direttur Ġenerali jkollu jinteraġixxi mal-President u l-Membri tal-Kulleġġ sabiex jiżgura li dan l-eżerċizzju jsir taħt l-impulsjoni politika tal-Istituzzjoni.

Id-Deputat Direttur Ġenerali jkollu r-responsabilità li jhejjj u jikkoordina proposti eventwali tal-Kummissjoni immirati għall-emendi tat-Trattati.

B'mod parallel, ikollu jwettaq eżerċizzju ta' analiżi tal-possibilitajiet offerti mit-Trattati fis-seħħ sabiex jittjeb il-funzjonament tas-Sistema Istituzzjonali tal-UE b'mod ġenerali, ir-relazzjonijiet bejn iż-żona tal-euro u l-UE kollha, l-inizjattiva "Rule of Law", eċċ. F'dak li jirrigwarda l-aspetti istituzzjonali taż-żona tal-euro, dan l-eżerċizzju se jkollu bħala punt ta' tluq il-mezzi deskritti fil-Blueprint adottat mill-Kummissjoni fix-xahar ta' Novembru 2012 ⁽¹⁾.

Id-Deputat Direttur Ġenerali jkun ukoll inkarigat bir-responsabilità li jħejji r-reazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar inizjattivi li għandhom konsegwenzi fuq l-arkitettura istituzzjonali. Fl-aħħar nett, ikollu jwettaq ħidma ta' analiżi li tippermetti l-integrazzjoni fis-sistema legali u istituzzjonali tal-UE tal-istrumenti ta' natura inter-governattiva bħat-trattat dwar l-istabilità, il-koordinazzjoni u l-governanza fi ħdan l-UEM (TSKG) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità (MES).

Qed infittxu

Id-Deputat Direttur Ġenerali għandu jkollu:

- għarfien u kompetenzi legali ta' livell għoli ħafna, ħiliet ippruvati ta' ġestjoni u ħiliet tajbin ħafna ta' komunikazzjoni,
- għarfien eċċellenti tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-politika tal-Unjoni u l-kwistjonijiet legali attwali,
- viżjoni globali tal-azzjoni tal-Unjoni (rapporti dwar liġi tal-Unjoni — liġi nazzjonali, implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, eċċ.),
- aptitudni tajba ħafna fil-ġestjoni tal-persunal ta' livell għoli,
- aptitudni li jirrappreżenta l-Kummissjoni quddiem il-qrati tal-Unjoni, nazzjonali, internazzjonali u qrati arbitrarji bil-miktub u fudjenzi.

L-applikanti għandhom (kriterji ta' eliġibilità)

1. Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
2. Ikollhom:
 - (a) livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji li tlestew, iċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar,
 - (b) livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji li tlestew, iċċertifikati b'diploma, u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin;
3. Ikollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza professjonali postuniversitarja f'livell li jaġhtu aċċess għalih il-kwalifiki msemmija hawn fuq. Mill-inqas ħames snin minn din l-esperjenza professjonali għandha tkun inkisbet f'funzjoni maniġerjali ta' livell għoli ⁽²⁾ u għandha tkunu direttament relatata mal-qasam rilevanti għal din il-pożizzjoni;
4. Ikollhom għarfien sħiħ ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hekk kif definit mill-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1 tal-1958 u għarfien adegwat ta' lingwa uffiċjali oħra;
5. Ikunu ta' età li taqa' taħt dik tal-irtirar, li għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hi definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq 65 sena (ara l-Artikolu 52, il-punt a) tar-Regolamenti tal-Persunal).

⁽¹⁾ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2012:0777:REV1:MT:PDF>

⁽²⁾ Fis-CVs tagħhom l-applikanti għandhom jindikaw għall-inqas għal dawn il-ħames snin li fihom kisbu l-esperjenza maniġerjali ta' livell għoli: (1) it-titolu u r-rwol tal-pożizzjonijiet ta' mmaniġġar li kellhom, (2) in-numru ta' membri tal-persunal li kienu jimmaniġġaw f'dawn il-pożizzjonijiet, (3) id-daqs tal-baġits immaniġġati, u (4) in-numru ta' livelli ġerarkiċi l fuq u l isfel u n-numru ta' dawk li kienu pari magħhom.

Is-selezzjoni u l-ħatra

Id-Direttur se jintgħażel u jkun maħtur mill-Kummissjoni skont il-proċeduri ta' għażla u reklutaġġ tagħha (ara wkoll id-Dokument ta' Kompilazzjoni dwar il-Politika dwar Uffiċjali f'Kariga Għolja ⁽³⁾). Bħala parti minn dan il-proċess ta' selezzjoni, il-kandidati li jissejħu għal intervista mill-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni għall-Ħatriet, ikollhom, qabel din l-intervista, jipparteċipaw f'ċentru ta' evalwazzjoni mmexxi minn konsulenti esterni ta' reklutaġġ.

Il-kandidat magħżul ser jiġi reklutat bħala uffiċjal fil-grad AD15. Is-salarju u l-kundizzjonijiet tal-impjeg huma daww stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Skont ir-Regolamenti tal-Persunal, il-persunal ġdid kollu jrid itemm b'suċċess żmien ta' prova ta' disa' xhur.

Opportunitajiet indaqs

Il-Kummissjoni Ewropea tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni skont l-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal.

Proċedura tal-applikazzjoni

Qabel ma tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għandek tiċċekkja b'attenzjoni jekk tissodisfax il-kriterji ta' eliġibilità kollha, b'mod partikolari rigward it-tipi ta' diploma u l-esperjenza professjonali meħtieġa.

Il-kandidati li jixtiequ japplikaw għandhom **jirreġistraw permezz tal-Internet** billi jżuru l-websajt:

<https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/>

u jseguw l-istruzzjonijiet li jikkonċernaw id-diversi stadji tal-proċedura.

Ir-reġistrazzjoni tagħhom għandha ssir qabel l-iskadenza ⁽⁴⁾. Nirrakkomandaw bil-qawwa li ma tistennix sal-aħħar f'itjem biex tapplika, għaliex konġestjoni kbira fuq l-Internet jew xi difett fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni onlajn tiġi tterminata qabel ma tkun lestetja, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, ma tkunx tista' aktar iddaħħal informazzjoni. Bħala regola ġenerali, reġistrazzjonijiet bil-posta elettronika normali li jaslu tard mhumiex se jiġu aċċettati.

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan se jintuża biex jiġi kkonfermat il-ħolqien tal-kont tiegħek kif ukoll biex il-kandidati jinżammu infurmati bil-progress tal-proċedura tas-selezzjoni. Għalhekk, trid tinforma lill-Kummissjoni Ewropea f'każ ta' xi bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Il-kandidati għandhom itellgħu l-*curriculum vitae* fil-format WORD jew PDF, u jridu jinkludu ittra ta' motivazzjoni onlajn (massimu ta' 8 000 karattru).

Kemm is-CV kif ukoll l-ittra jridu jkunu bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Ladarba tkun saret ir-reġistrazzjoni, il-kandidat jirċievi numru ta' reġistrazzjoni. Dan għandu jinżamm, min-ħabba li jintuża għall-kuntatti ulterjuri matul il-proċedura ta' selezzjoni. Meta tirċievi dan in-numru, il-proċess tar-reġistrazzjoni jkun intemm in-numru huwa konferma li l-informazzjoni li tkun iddaħħalt ġiet irreġistrata.

Jekk ma tirċievi l-ebda numru ta' reġistrazzjoni, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!

Mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek onlajn. Inti tiġi kkuntattjat dwar l-istat tal-applikazzjoni tiegħek direttament.

Jekk għandek diżabilità li ma tippermettilekx tirreġistra onlajn, tista' tibgħat l-applikazzjoni (is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni) fuq karta permezz tal-posta reġistrata ⁽⁵⁾, b'timbru postali b'data li ma tkunx aktar tard mid-data meta tagħlaq ir-reġistrazzjoni. Kull komunikazzjoni sussegwenti bejn il-Kummissjoni u dawn il-kandidati tkun bil-posta. Dawn il-kandidati huma mitluba jehmżu mal-*curriculum vitae* tagħhom u ittra ta' motivazzjoni ċertifikat maħruġ minn entità kompetenti li tiċċertifika l-istat ta' persuna b'diżabilità. Għandhom isemmu wkoll, fuq karta separata, kwalunkwe arranġamenti speċjali li jahsub li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiffaċilitaw il-parteeċipazzjoni tagħhom fil-proċedura ta' selezzjoni.

⁽³⁾ http://ec.europa.eu/civil_service/docs/official_policy_en.pdf

⁽⁴⁾ Mhux aktar tard min-nofsinhar (12:00), ħin ta' Brussell, tat-18 ta' Novembru 2013.

⁽⁵⁾ Commission européenne, Direction générale Ressources humaines et sécurité, Unité Personnel d'encadrement et secrétariat CCN, COM/2013/10341, SC11 8/35, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

Jekk teħtieġ aktar tagħrif u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, jekk jogħbok ibgħat posta elettronika lil
HR-A2-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu.

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija t-**18 ta' Novembru 2013**. Ir-reġistrazzjoni onlajn ma tkunx possibbli wara **nofsinhar (12:00) ħin ta' Brussell**.

REVIŻJONI TAL-ĠU C A “KOMPETIZZJONI”

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

5	200
27 (RO)	204 (DE/EN/FR)
29	210 (LV)
33	211 (PL)
34	219
36 (DA)	227
41 (BG)	231
43 (EN)	235
49 (ET)	240
50 (HU)	264
51 (SL)	269
54 (DE/EN/FR)	276
58 (EN/GA)	277
75	279 (PT)
81	286 (ET)
82	289
88 (BG)	290
89 (CS)	292 (SK)
94	293 (EN)
104	294 (DE)
109	295 (DA)
111	299
112 (DE/EN/FR)	300 (LT)
117 (ET)	301
118	302
120	
131	
143	
160 (DE/EN/FR)	
162	
166	
167	
168	
172	
173	
174	
176 (BG/DE/EN/ET/FI/IT/LT/LV/MT/NL/PL/PT/SK/SL/SV)	
180 (MT)	
182 (DE/EN/FR)	
183 (IT)	
191	
192	
193	
194	
196	
197	
199	

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

